MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1965/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Richard Vella**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm312.26 (tlett mija u tnax-il Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Jintalab illi l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija u tnax-il Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm312.26) liema somma tirraprezenta bilanc ta` prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 8580 in rigward

ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2003 u Marzu 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma ionfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub m'huwiex kollu dovut.
2. Salv eccezzjonjiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta attrici gabet bizzejjed provi sabiex tissoda l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-konvenut naqas li jgib il-provi tieghu in sostenni tal-eccezzjoni tieghu li mhux l-ammont kollhu kien dovut.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tnax il-lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm312.26), bl-ispejjes u nteressi kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------